**SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001**
Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 3** | **STUDJI SOĊJALI** | **Ħin: Siegħa u Nofs** |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: _______________

**A. Agħti s-sens lil dawn li ġejjin billi timla l-kliem mill-lista:-**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| iċ-ċittadin | valuri | komunita' lokali | ħin ħieles | individwi |
| mass media | saħħa | reklami | Kultura | ix-xogħol |

1. Permezz tal-ħidma jew ___________________ tagħna noħolqu l-ġid għalina nfusna u għal pajjiżna.

2. Il- ___________________ tgħaqqadna mal-bqija tad-dinja u nkunu nafu x'qed jiġri fl-iżjed pajjiżi imbiegħda.

3. Fuq it-televiżjoni, r-radju u l-gazzetti jkun hemm ħafna ___________________, li l-iskop tagħhom hu l-bejgħ u l-qligħ.

4. ___________________ igawdi d-drittijiet li joffrilu pajjiżu, imma għandu wkoll dmirijiet x'jaqdi.

5. L-imħabba, l-għajnuna u r-rispett huma lkoll ___________________ bżonnjużi fis-soċjeta' li ngħixu fiha.

6. Il- ___________________ mhux ħin moħli jekk nużah biex nistrieh u mhux biex nitgħażżen.

7. Is-soċjeta' tipprovdi s-servizzi tas- ___________________ għaliex ċittadini b'saħħithom jagħmlu soċjeta' b'saħħitha.

8. Għalhekk aħna lkoll ngħixu flimkien, iżda bħala ___________________ lkoll għandna l-idejat, il-ħsibijiet u l-opinjoni personali.

9. Il-lingwa u t-tradizzjoni huma parti importanti mill- ___________________ tagħna l-Maltin.

10. Il-belt jew raħal fejn ngħix tissejjaħ ___________________ għax hija l-post fejn jgħixu in-nies tal-belt jew raħal.

(1x10=10)

**B. Dawn kollha għandhom x'jaqsmu max-xogħol jew impieg. Agħti tifsira tagħhom.**

1. paga:

______________________________

2. kundizzjonijiet tax-xogħol:

______________________________

3. ktieb tax-xogħol:

______________________________

4. benefiċċju tal-qgħad:

______________________________

5. sigurta' fil-post tax-xogħol:

______________________________

(1x5=5)

**C. Ta' sikwit nisimgħu b'nies li jaqgħu vittmi, jiġifieri jispiċċaw ibatu l-konsegwenzi u jiġu mweġġgħin. Min huma l-vittmi meta?**

a. nixtru oġġett bi prezz għoli li ma jkunx ta' kwalita' tajba ______________

b. xi ħadd itellef waqt il-lezzjoni: ______________

c. nies iħammġu post pubbliku: ______________

d. issir ħsara fi propjeta' pubblika: ______________

e. isir rapport żbaljat fil-gazzetta jew fuq it-T.V. ______________

(1x5=5)

**D. Dawn huma kollha nies li xogħolhom għandu x'jaqsam ma' saħħitna. Taf tispjega x'jagħmlu?**

1. tabib: ______________

2. infermier /a: ______________

3. spettur sanitarju: ______________

4. kollettur ta' l-iskart: ______________

5. fiżjoterapista: ______________

(1x5=5)

**E. Aqra din is-silta, u wieġeb:-**

Hawn min iqabbel is-soċjeta' ma' katina, jiġifieri ħolqa m'oħra. Dan għaliex ikoll inħossu l-ħtieġa ta' għajnuna reċiproka, jiġifieri bżonn xulxin. Aħna niddependu minn ħaddieħor għal kull m'għandna bżonn. B'hekk nindunaw li ħaddieħor għandu l-bżonnijiet tiegħu. Dan ifisser li bħalma jien għandi d-drittijiet jew jeddijiet tiegħi, ħaddieħor għandu tiegħu. Jien għandi d-dmirijiet jew obbligi tiegħi x'naqdi lejn l-oħrajn, biex noffri l-għajnuna u l-ħbiberija tiegħi lill-oħrajn. Ħafna gruppi soċjali, bħall-familja, komunitajiet u għaqdiet jilqgħu fi ħdanhom individwi li jibnu relazzjonijiet bejniethom. Fost dawn insibu każini, għaqdiet reliġjużi, youth clubs. Għaqdiet bħal dawn huma wkoll mezz ta' edukazzjoni barra mill-iskola.

1. Fisser kif fis-soċjeta', in-nies jiddependu minn xulxin.

_______________________________________________ (1)

2. Għaliex hawn min iqabbel is-soċjeta' ma' katina?

_______________________________________________ (1)

3. Xi tfisser 'għajnuna reċiproka'?

_______________________________________________ (1)

4. Semmi 2 min-nies li jgħinuk f'ħajtek?

_______________________________________________ (2)

5. X'inhu dritt?

_______________________________________________ (1)

6. X'inhu dmir?

_______________________________________________ (1)

7. Semmi 2 drittijiet li għandek?

____________________ ____________________ (2)

8. Semmi 2 dmirijiet li għandek?

____________________ ____________________ (2)

9. Semmi 2 gruppi soċjali.

____________________ ____________________ (2)

10. Liema hi l-komunita lokali tiegħek?

_______________________________________________ (1)

11. 'Tibni relazzjoni f'ħajtek'. Fisser il-frażi.

_______________________________________________ (1)

**(15-il marka)**

**F. Il-kelma ċittadin tinstama' ħafna, iżda jista' jkun li ftit naħsbu xi tfisser u x'hemm marbut magħha. L-ewwel ħsieb marbut ma' din il-kelma hu dak ta' solidarjeta'. Din tfisser li tħossok ħaġa waħda maċ-ċittadini l-oħra, jiġifieri li kull wieħed u waħda minna għandu responsabbilta' lejn l-oħrajn.**

1. L-oħrajn fis-soċjeta jistgħu jkunu l-morda, il-fqar u min għaddej minn xi problema f'ħajtu. Int kif tista' turi solidarjeta' ma' dawn?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3)

2. Semmi 2 responsabbiltajiet li inti bħala ċittadin/a għandek lejn is-soċjeta'.

_______________________________________________

_______________________________________________ (4)

(7 marki)

**G. Kompli dawn is-sentenzi biex jagħmlu sens:**

1. Iċ-ċittadini jeħtieġ li jimxu mal-valuri u n-normi tas-soċjeta' għaliex _______________

_______________________________________________

2. Bħala konsumaturi qabel nixtru jaqblilna _______________________________

_______________________________________________

3. Ma nemminx kull ma naqra, nara u nisma' għaliex _______________________

_______________________________________________

4. Ix-xogħol mhux marbut mal-qligħ tal-flus biss għaliex _____________________

_______________________________________________

5. Nies bi bżonnijiet speċjali għandhom l-istess drittijiet għaliex _______________

_______________________________________________

(2x5=10)

**H. Imla l-vojt skond il-kaxxa ta' quddiem. Tista' tpoġġi sa tnejn f'kull kaxxa:**

| | **Fatti li tgħallimt** | **Kapaċitajiet li tgħallimt** | **Valuri li tgħallimt** |
|---|---|---|---|
| Mill-familja | min huma n-nies tal-familja | niekol, nilbes, ninħasel | għajnuna, rispett, imħabba |
| Mill-iskola | | | |
| Minn kif inħares saħħti | | | |
| Mill-mezzi ta' komunikazzjoni | | | |

| **FATTI** | **KAPAĊITAJIET/ ĦILIET** | **VALURI** |
|---|---|---|
| 1. l-Innu Malti | 1. Nikteb | 1. li s-saħħa kollox |
| 2. x'ġara f'pajjiżi oħra | 2. Naqra | 2. ngħin lil ħaddieħor |
| 3. aħbarijiet | 3. nuża t-telefon | 3. kif naqsam ma' l-oħrajn |
| 4. li x-xaħam mhux tajjeb | 4. ma npejjipx | 4. kif nitgħallmu flimkien |
| 5. l-eżerċizzju bżonnjuż | 5. nistaqsi lit-tabib | 5. Naqsmu flimkien |
| 6. Storja ta' pajjiżi | 6. nara programmi tajbin | 6. Nikkoperaw |

(1x18=18)

**I. IR-RIKLAMI:-**

**Kompli dawn is-sentenzi:-**




billi turi li r-riklami mhux dejjem jagħmlulna l-ġid.

1. Ir-riklami jsiru……………………………………… ………………………………………………………

2. Ir-riklami jirrepetuhom …………………………… ………………………………………………………

3. Riklami tal-ħelu jsiru waqt programmi tat-tfal ……………………………………………………… ………………………………………………………

4. Isiru ħafna reklami tat-toys fi żmien il-Milied ……………………………………………………… ………………………………………………………

5. Xi riklami jkunu ta' ġid għalina …………………... ……………………………………………………… ………………………………………………………

(1x5=5)

**J. Ikteb xi 200 kelma fuq WIEĦED:-**

1. Biex tibni relazzjoni ma' xi ħadd hemm bżonn ir-rispett, l-għajnuna u l-imħabba. Spjega dan, u stħajjel li qiegħed/ qegħda titkellem quddiem sħabek tal-klassi.

2. Fis-soċjeta' l-ħin kollu u kullimkien bir-reklami. Semmi u spjega 3 affarijiet li trid iżżomm f'moħħok qabel titħajjar tmur tixtri.

3. Ħafna drabi l-"ħbieb" stess iħajruna biex nesperimentaw bit-tipjip, xorb u drogi. Tkellem fuq dawn il-problemi soċjali billi turi xi tkun it-tweġiba tiegħek għal min jipprova.

4. Semmi 5 mezzi kif tista' tħares saħħtek u tkellem dwarhom.

5. L-ambjent fid-dar, fl-iskola u fil-belt jew raħal tagħna kif jgħinna biex nimmaturaw u nsiru ċittadini Maltin?

6. Ikteb dwar xi ħarġa jew proġett li għamilt jew ħadt sehem fih fl-iskola matul din is-sena.

(20 marka)